

Brussell, 21 ta' Frar 2025
(OR. en)

6158/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0002(NLE)

CORDROGUE 20
SAN 47
RELEX 189

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILI dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tmienja u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971
- *Adozzjoni*

1. Il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 ("il-Konvenzjonijiet") huma t-trattati internazzjonali ewlenin dwar il-kontroll tad-drogi, flimkien mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi tal-1988.
2. L-Istati parti għall-Konvenzjonijiet huma meħtieġa jiżguraw li l-miżuri ta' kontroll obligatorji jiġu applikati għas-sustanzi elenkati fl-Iskedi annessi għall-Konvenzjonijiet. L-għan ta' dan l-elenkar huwa li jiġi kkontrollat u limitat l-użu ta' dawn id-drogi skont klassifikazzjoni tal-valur terapewtiku, ir-riskju ta' abbuż u l-perikli għas-saħħa tagħhom, u li tiġi mminimizzata d-diverżjoni ta' sustanzi kimiċi prekursori għal manifatturi ta' drogi illegali.

3. Id-deċiżjonijiet li jimmiraw li jbiddu l-ambitu tal-kontroll ta' sustanzi jittieħdu mill-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (CND), permezz ta' deċiżjonijiet biex isiru bidliet għall-Iskedi tal-Konvenzjonijiet, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.
4. Is-CND, matul it-68 sessjoni tagħha mill-10 sal-14 ta' Marzu 2025 fi Vjenna, għandha tadotta deċiżjonijiet dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjonijiet.
5. Fit-13 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-68 sessjoni tas-CND dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjonijiet (ST 5271/25 + ADD 1).
6. Il-proposta tal-Kummissjoni ġiet analizzata fit-22 ta' Jannar 2025 fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Drogi (HDG). Il-verżjoni riveduta tal-proposta, kif tinsab fid-dokument ST 5810/25, ġiet approvata mill-HDG fil-laqgħa tiegħu tal-11-12 ta' Frar 2025, b'delegazzjoni waħda tindika l-intenzjoni tagħha li tastjeni mal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.
7. **Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jistieden lill-Kunsill jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument ST 6155/25, dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-68 sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971.**